MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Appell Kriminali Numru. 298/2014

**Il-Pulizija**

**v.**

**Marita Bugeja**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Marita Bugeja, karta ta' l-identita` numru 163576 (M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli għax-xahar ta' Diċembru 2013, meta hekk ordnata minn xi Qorti jew marbuta b'kuntratt naqset li tagħti lir-raġel Brian Borg u/jew lil uliedha s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, mogħtija fit-30 ta' Ġunju 2014 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu

338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-istess Marita Bugeja ħatja u lliberatha bil-kundizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien xahar ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta’ Malta, u ordnat ukoll illi hija thallas is-somma ta’ mija u ħamsin ewro (€150) lil Brian Borg fi żmien xahar ai termini tal-artikolu 24 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta’ Malta;

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta’ l-istess Marita Bugeja ppreżentat fis-7 ta’ Lulju 2014, fejn talbet li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta’ l-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta’ l-appellanti huma s-segwenti:

> “Jekk wiehed jara c-citazzjoni, l-esponenti ma kinitx ordnata li taghti lil Brian Borg xi manteniment ghaliex kien biss *pendent lite* u la darba naqas illi jaghmel il-kawza, l-effetti tal-istess digriet spiccaw, anke jekk kien validu, haga li hi kontestata f’dan il-kaz.
>
> “Dan, jekk wiehed imur ghall-istorja fattwali tal-legislazzjoni, kien mahsub dejjem illi jekk ma ssirx ic-citazzjoni wara li jinghata digriet provizorju, dan jitlef l-effikacja tieghu. Ghax tkun sabiha d-dinja li wiehed jew wahda jieħu digriet provizorju u jibqghu jiehdu manteniment provizorju ghal dejjem.
>
> “Brian Borg, mistoqsi, ma affermax illi ghamel kawza wara li nghalqet il-medjazzjoni. Ghalhekk ma setax jaghmel l-ebda kwerela fuq l-istess digriet.
>
> “L-esponenti tixtieq taghmel sottomissjonijiet legali dwar il-punt illi d-digrieti provizorji msemmjia fis-subartikolu 9(6) tal-Avviz Legali 397 tal-2003, jibqghu ta’ natura provizorja. Meta att ikun provizorju, ma jistax isir permanenti ghaliex min-natura tieghu, il-ligi stess tipprevedi sakemm jibqa’ provizorju.
>
> “Jekk wiehed jara l-istorja tal-legislazzjoni f’dan il-qasam, wiehed isib illi originarjament din il-kwistjoni tal-manteniment provizorju li jsir esigibbli u illi anke jkun hemm il-proceduri kriminali fin-nuqqas ta’ hlas, kien originarjament taht il-provediment tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili. Meta kienet qed tiddahhal dik il-ligi, kien gie impost it-terminu perentorju, dak iz-zmien ta’ sitt xhur, biex kemm il-darba l-parti tonqos milli tipprocedi skond il-ligi, allura dak id-digriet provizorju jigi mitmum. Dan kien ukoll skond l-artikolu 470 *et seq* illi kull digriet li kienet taghti s-Sekond’ Awla, jekk l-att minnha awtorizzat ma jsirx, id-digriet jiskadi. L-enfasi dejjem kienet fuq il-kelma provvizorju.
>
> “Issa jekk wiehed jezamina s-subartikolu imsemmi u hawnhekk se jigi kkwotat mill-Ingliz, ‘during the mediation stage, any of the parties may apply to the Court for the issue of any provisional order or the issue of any act or warrant to safeguard any of his or her rights’. Il-Qorti mhux biss tista’ taghti digriet imma anke tohrog mandati.

> “Illi ghalhekk, peress illi ghaddew bosta u bosta xhur, legalment dak li kien provizorju ma jistax isir permanenti u jigi revokat biss b’ordni tal-Qorti fid-diskrezzjoni taghha. Din hija ligi procedurali illi torbot lil kulhadd u jekk il-Qorti tikkoncedi terminu lil xi hadd, jekk ma jigix osservat, hemm il-konsegwenzi tieghu specjalment meta dan huwa terminu mpost mill-ligi.
>
> “Qed jerga’ jsir referenza ghad-dibattitu Parlamentari meta kienet qed tinbidel il-ligi originarjament u wiehed mill-argumenti ghala digriet kellu jiskadi, kienet illi altrimenti persuna taghmel rikors, tiehu digriet favorevoli ghaliha u d-digriet jibqa’ hemmhekk minghajr ma jiskadi qatt.
>
> “F’dan il-kaz partikolari ma ssemma l-ebda zmien u allura awtomatikament japplika r-regolament numru 10.
>
> “Illi ghalhekk, peress illi ghaddew bosta u bosta xhur, legalment dak li kien provizorju ma jistax isir permanenti u jigi revokat biss b’ordni tal-Qorti fid-diskrezzjoni taghha. Din hija ligi procedurali illi torbot lil kulhadd u jekk il-Qorti tikkoncedi terminu lil xi hadd, jekk ma jigix osservat, hemm il-konsegwenzi tieghu spejcalment meta dan huwa terminu mpost mill-ligi.
>
> “**Nuqqas ta’ notifika tad-digriet**
>
> “Qatt ma nghatat l-ordni u notifikata lill-esponenti. Lanqas id-digriet ma jghid li jigi notifikat lill-esponenti u l-ordni tinghata lilha. Kull ordni tal-Qorti trid iggib il-firma tar-registratur u tigi notifikata. Hu llegali l-kuncett li n-notifika hija presunta. U hawn fil-kamp kriminali.
>
> “Is-sentenzi jinqraw fil-pubbliku, u ghalhekk kulhadd hu presunt li jaf bihom. Id-digriet *in camera*, jibqghu *in camera* sakemm jigu regolarment notifikati.
>
> “Jista’ Mhallef jew Magistrat jikkundanna xhud ghad-disprezz jekk ma jkunx notifikat? Tista’ kawza timxi jekk ma jkunx hemm notifika bil-gurnata tas-smiegh, minkejja li jkun l-attur stess li fetah il-kawza u jaf biha? Kull meta jinghata digriet u ordni *in camera* naturalment li trid tigi notifikata, ghax inkella l-ordni tibqa’ fil-kexxun.”

**6.** Fis-seduta tallum l-Avukat Dottor Joseph Brincat għall-appellanti esebixxa kopja ta’ rikors li sar mill-istess appellanti u l-*parte civile* Brian Borg fejn talbu lill-Qorti Ċivili Sezzjoni tal-Familja: “(1) tapprova t-transazzjoni milġuqa dwar kura u kustodja, manteniment u aċċess tal-minuri Shanice Borg, u li mid-data tad-digriet ‘il quddiem dan ikun jorbot lill-partijiet, u (2) konsegwentement tirrevoka u tannulla, daqs li qatt ma saru, id-digrieti kollha preċedenti, għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi kemm ċivili u kemm kriminali.” Dik il-Qorti ddekretat ir-rikors konġunt li għamlu l-partijiet billi laqgħet it-talbiet kollha kif dedotti.

**7.** Dan ifisser illi d-digriet tad-19 ta’ Lulju 2012, li fuqu l-*parte civile* kien qiegħed jibbaża l-pretenzjoni tiegħu għall-ħlas ta’ manteniment, ġie “revokat u annullat, daqs li qatt ma sar”. Inoltre, fl-assenza ta’ provi dwar pendenzi bejn il-partijiet – salv dak li seta’ ġie konkordat fit-transazzjoni milħuq bejniethom – din il-Qorti ma tistax issib ħtija skond l-imputazzjoni.

**8.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjara lill-appellanti mhux ħatja ta’ l-imputazzjoni dedotta u b’hekk tilliberaha minn kull ħtija u piena.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------